MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Talba Numru. 89/2012

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Difesa Alaine**
**ID 186689M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Frar, 2012 fejn il-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt ewro u tmien centezmi (€500.08), skont il-prospett hawn anness u market Dok Dok A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekommunikazzjoni, numru tal-kont *A/C 40151001,* moghtija mis-Socjeta' attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir ta' din il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-11 ta' Jannar, 2011, kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-20 ta' Marzu, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt ewro u tmien centezmi (€500.08) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------